

Domandi preliminari

- 1) Il-konklużjoni ta' ftehim li permezz tiegħu kumpannija tikri bini lil kumpannija oħra li fih kienu jitwettqu attivitajiet spċċiċi ta' għoti ta' alimentazzjoni lill-pubbliku fristorant, flimkien mat-tagħmir u mal-beni tal-inventarju kollha, u l-kumpannija kerrejja tkompli twettaq l-istess attivitajiet ta' għoti ta' alimentazzjoni lill-pubbliku fristorant bl-istess isem bħal dak użat preċedentement, tikkostitwixxi trasferiment ta' attivitā fis-sens tal-Artikolu 19 u tal-Artikolu 29 tad-Direttiva 2006/112/KE ⁽¹⁾?
- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, l-operazzjoni deskritta tirrappreżenta provvista ta' servizzi li tista' titqies bħala kiri ta' proprjetà immobbbli fis-sens tal-Artikolu 135(1)(l) tad-Direttiva tal-VAT jew bħala provvista ta' servizzi kumplessi li ma tistax titqies bħala kiri ta' proprjetà immobbbli u li hija taxxabbli skont il-liġi?

⁽¹⁾ ĠU 2006 L 347, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Darmstadt (il-Ġermanja) fil-11 ta' Jannar 2018 – TopFit e.V., Daniele Biffi vs Deutschen Leichtathletikverband e.V.

(Kawża C-22/18)

(2018/C 123/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Darmstadt

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: TopFit e.V., Daniele Biffi

Konvenuta: Deutscher Leichtathletikverband e.V.

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 18, 21 u 165 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li dispożizzjoni tar-regolament ta' atletika ta' federazzjoni ta' Stat Membru, li tagħmel il-parteċipazzjoni fil-kampjonati nazzjonali suġġetta għall-kundizzjoni ta' nazzjonaliità ta' dan l-Istat Membru, tikkostitwixxi diskriminazzjoni illegali?
- 2) L-Artikoli 18, 21 u 165 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li federazzjoni ta' Stat Membru twettaq diskriminazzjoni illegali fil-konfront ta' sportivi dilettanti li ma għandhomx in-nazzjonaliità ta' dan l-Istat Membru, meta tippermettilhom ċertament li jipparteċipaw fi kampjonati nazzjonali, iżda huwa unikament “barra minn klassifikazzjoni” jew “mingħajr klassifikazzjoni” li tippermettilhom jipparteċipaw fi tlielaq jew provi finali?
- 3) L-Artikoli 18, 21 u 165 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li federazzjoni ta' Stat Membru twettaq diskriminazzjoni illegali fil-konfront ta' sportivi dilettanti li ma għandhomx in-nazzjonaliità ta' dan l-Istat Membru, billi teskludihom mill-għot ta' titoli nazzjonali jew ta' pożizzjoni?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Sofia-grad (il-Bulgarija) fis-17 ta' Jannar 2018 – “Elektrorazpredelenie Jug” EAD vs Komisia za energiyno i vodno regulirane (KEVR)

(Kawża C-31/18)

(2018/C 123/18)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Administrativen sad Sofia-grad